50 Sena Kkonsagrata
1967-2017
PARROĊĊA KRISTU RE, PAOLA

# Leħen il-Kunsill Pastorali Parrokkjali

## Parroċċa Kristu Re - Paola



Għadd Nru. 305 - Id-39 Sena Lulju 2017

*Ħarġa Speċjali Festa Titulari*





# L-Iskrizzjoni għal fuq il-Portiku u s-Sur Antonio Palumbo

*minn Dr. Simon Mercieca*

Bħal kull ħaġa oħra, it-tħejjija u l-kitba tal-iskrizzjoni fuq il-portiku tal-knisja monumentali ta' Raħal Ġdid għandha l-istorja tagħha. Kollox beda meta s-sena l-oħra, Dun Mario Agius qalli li f'daqqa waħda kien ftakar x'kien jgħid l-ex-Kappillan Dun Adolf Agius u xi xtaq bħala iskrizzjoni għal fuq il-portiku tal-knisja. Qalli li kien ser jikteb dwarha u jippubblikha fil-programm tal-festa tas-Soċjetà Kristu Sultan, jew kif inhi magħrufa bħala tal-Ħodor. Kont rajtlu t-text u biddilna ftit l-istruttura. Dun Mario kien għadu l-antika. Jikteb bl-idejn u mbagħad isib lil xi ħadd jittajpjahielu. Kien filgħaxija, sakemm mar kiel fir-refettorju tad-Dar tal-Kleru, fejn kien miġbur, kont ittajpjajtha u l-għada mort l-università u pprintjajtha. Ħadtilu lura. Kompla jaħdem fuqha sakemm saret fil-format li ġiet ippubblikata bih.

Dun Adolf Agius kien Latinista tajjeb. Kien anki jgħallem il-Latin b'xejn lil xi tifel li kien ikun jixtieq isir qassis jew patri. Dak li ried għal fuq il-portiku kien vers mill-innu bil-Latin ta' Kristu Re li hu kif ġej:

***Tibi Redemptor Gloria, Honor, Potestas Regia***
jew
***Lilek Feddej, il-Glorja, il-Qima u s-Setgħa ta' Sultan.***

Fil-festa ta' dik is-sena, jiġifieri fl-2016, inqagħlet ukoll il-kontroversja tad-deċiżjoni tal-Qorti dwar l-istatwa u n-niċċa u li dawn ma kellhomx jitmissu. Kont għamilt artiklu dwar dan is-suġġett u tkellimt ftit fuq l-iżvilupp tal-istorja tal-istatwa proċessjonali f'Raħal Ġdid. Fuq kollox, kien it-tlieta, fil-Ġimgħa tal-festa. Kont mistieden għar-riċeviment tal-Banda de Paule flimkien mal-mara. Kien ġie fuqi l-kappillan, Dun Marc Andrè biex ikellimni fuq l-artiklu li kont ktibt dwar l-istorja tal-istatwa u niftakar li kien waqa' il-kliem fuq il-knisja u l-faċċata tagħha u l-artiklu ta' Dun Mario. Minn fuq il-bejt tal-Każin De Paule tiġi quddiemek il-faċċata maestuża tal-knisja ta' Raħal Ġdid. Dun Marc Andrè kien qalli kemm kien għoġbu l-artiklu ta' Dun Mario Agius u qalli wkoll li jixtieq jagħmel dik l-iskrizzjoni fuq il-faċċata tal-knisja. Għidtlu mhix problema. Għidtlu tista' ssir u naħseb li nsibu wkoll sponsor biex jagħmililna.

Kien f'dan il-kuntest li ktibt lit-Tarzna ta' Palumbo. Tkellimt direttament mas-Sur Antonio Palumbo u l-Manager is-Sur Joseph Calleja. Tlabtu jekk jisponsorjax din l-iskrizzjoni. Mill-ewwel is-Sur Palumbo qalli iva. Ktibt lura lill-kappillan u tajtu l-aħbar it-tajba li t-Tarzna ta' Palumbo kienet ser tisponsorja din l-iskrizzjoni. Dan wassal biex sar appuntament mas-Sur Antonio Palumbo.

Niftakar konna morna jien u l-kappillan it-Tarzna fejn ġejna milqugħa mill-istess Sur Antonio Palumbo fl-uffiċċju tiegħu. Lill-kappillan qallu ċar u tond li jagħmililu. Hu

*ikompli f'paġna 13*



*ikompli minn paġna 11*

żamm kellmtu magħna. Wieħed irid jiftakar li d-daħla tat-Tarzna qegħda f'Raħal Ġdid u parti mit-tarzna tiġi ma' Raħal Ġdid. Ħafna ħaddiema tat-tarzna kienu joqgħodu Raħal Ġdid u meta kienet għadha tal-Ammiraljat, kien inħadem ħafna xogħol fit-tarzna għall-knisja ta' Raħal Ġdid. Matul din il-laqgħa ġiet definita l-modalità tax-xogħol jiġifieri li t-tarzna ta' Palumbo kienet ser tagħmel ix-xogħol fuqha. Kienet ser tagħtina l-materjal, u anki kienet ser taqtgħu fit-tarzna tiegħu. Qbilna li l-materjal ikun ħadid u mbagħad, il-knisja tiggalvanizzah aspejjeż tagħha. Biss is-Sur Antonio Palumbo ried il-karattri grafiċi lesti tal-iskrizzjoni fid-daqs eżatt li riedu jiġu. Dan kien ifisser li din tinkiteb fit-tipa eżatta li aħna xtaqna nużaw.

Dan wassal għal diskussjoni twila bejni u l-kappillan dwar x'tipa konna ser nużaw. Hawnhekk l-għażla kellha tkun li noħolqu tipa aħna jew immorru għal waħda konvenzjonali, mill-ħafna li llum wieħed isib fil-proċessuri tal-kitba. M'għamilna xejn minn dan. Kien f'dan il-kuntest, li jien infurmajt lill-kappillan li jkun xieraq li jekk ser immorru għal tipa, immorru għal waħda li żgur taqbel mal-knisja. Issuġġerejt li nużaw tipa li ġiet żviluppata fir-Rinaxximent, jiġifieri madwar l-1500. Il-perit li kien żviluppa din it-tipa kien l-istess perit li għamel ħafna disinji arkitettoniċi u kienu dawn id-disinji li spiraw lil Ġużè Damato fit-tħażżiż ta' din il-knisja.

Illum ftit jafu li l-knisja ta' Raħal Ġdid issegwi disinn partikolari, li ma hemmx dubju li Ġużè Damato kien studjah fit-taħriġ tiegħu biex isir perit u inġinier fit-Tuneżija. F'dik il-ħabta l-familja tiegħu kienet fost il-ħafna familji Maltin li marret issib xortiha f'dak il-pajjiż. It-Tuneżija kienet f'dik il-ħabta taħt Franza u allura s-sistema tat-tagħlim kienet waħda primarjament Franċiża. Fost it-testi użati f'dik il-ħabta fil-kurrikulum għat-tagħlim tal-arkitettura, speċjalment fost l-istudenti Franċiżi, kien hemm il-volumi monumentali tal-perit tar-Rinaxximent Sebastiano Serlio (1475-1554). Serlio kien arkitett manjerista kbir Taljan biss jibqa' magħruf għall-bini tal-Palazz ta' Fontainebleau fi Franza. Dan jispjega l-istess ħaġa tal-akkademja Franċiża f'dan il-perit Taljan. Fost l-oħrajn, Sebastiano Serlio jibqa' magħruf għal "*I sette libri dell'architettura*" jew kif ukoll hu magħruf bħala "*Tutte l'opere d'architettura et prospettiva*". Biss dwar Serlio u l-influwenza tiegħu fuq Damato nispera li jkolli ċans nikteb 'il quddiem meta bi ħsiebni nagħmel serje f'IS-SALTNA dwar artisti li għexu f'Raħal Ġdid jew influwenzaw fuq il-bini tal-knisja.

Ħaġa ftit magħrufa hija li Serlio kien anki ħoloq tip ta' disinn ta' alfabet li ma jinstabx fis-sistemi konvenzjonali li wieħed isib meta jixtri programm ta' proċessar ta' kliem. Jien xtaqt li nużaw dan l-alfabet ta' Serlio. B'hekk il-kappillan ħadha f'idejh biex isib id-disinjatur li jirripproduċijlu fedelment it-tipi ta' ittri kif iddisinjhom Serlio u dawn jintużaw għal din l-iskrizzjoni. Dawn inħaddmu fuq programm apposta fuq il-kompjuter minn Etienne Bonavia mgħejjun minn John Paul Schiriha. Meta nħares lura ngħid li kienet deċiżjoni tajba, għax anki jekk hemm ħafna ittri, għax l-iskrizzjoni hija twila, xorta waħda m'humiex ingumbranti u l-attenzjoni tal-għajn ma tmurx fuqhom direttament iżda jidħlu sew fil-prospettiva tal-faċċata. B'hekk il-faċċata ma fihiex element li jispikka fiha, iżda, kif xtaqha Damato, tibqa' fil-komplessità tagħha fiċ-ċentru tal-għajn.

Imbagħad bdiet diskussjoni oħra dwar din il-kitba. Bħal ma wieħed jista' jara, l-faċċata hija kbira, u l-iskrizzjoni magħżula minn Dun Mario Agius tkopri biss il-parti tan-nofs

*ikompli f'paġna 14*

ikompli minn paġna 13

tal-portiku. Jibqa' l-friż taħt il-kampnari. Dan kien ser jinżamm vojt jew kellu wkoll ikollu l-kitba fih? Id-deċiżjoni kienet li jkun hemm kitba fih ukoll. Iżda x'tip ta' kitba? Din kienet deċiżjoni diffiċli minħabba li kemm Dun Mario, il-kappillan u anki jiena, ridna nibqgħu fidili lejn it-test Latin u ma nibdlu xejn minnu. Din kienet biċċa xogħol diffiċli peress lit-text magħżul minn Dun Adolf huwa parti mill-innu jew poeżija Latina f'ġieħ Kristu Re.

Fuq kollox ridna li kull żieda li ssir ma tibdilx il-pożizzjoni ta' dan il-vers Latin. Anzi dan ried jidħol f'nofs il-portiku. Ikun f'dan il-mument, li tlabt l-għajnuna ta' Joseph Anthony Debono li llum huwa wieħed mill-Latinisti ewlenin ġewwa pajjiżna. Hawn bdew diskussjonijiet twal ħafna x'ser ikun hemm bħala introduzzjoni u konklużjoni ta' din l-iskrizzjoni. Dun Mario Agius kien Latinista tajjeb u ħadem qatiegħ, jikkomponi bil-Latin sentenzi li jistgħu jintużaw kemm fil-bidu u fit-tmiem ta' din l-iskrizzjoni. Niftakar li konna spiċċajna, jien u Dun Mario, immorru d-dar tas-Sur Debono ġewwa Ħal Lija ħalli niddiskutu l-aħjar soluzzjonijiet. Tlajna fl-uffiċċju tiegħu u wara diskussjonijiet twal, u fuq suġġeriment tiegħi, użajna l-abblattiv, ispirati mill-ktieb klassiku ta' Plinu *"Ab Urbe Condita"* u d-data ta' meta tqegħdet l-ewwel ġebla. Fuq wara Dun Mario ħareġ bl-idea li nużaw l-abblattiv assolut "tota insula plaudente" jew 'il-gżira kollha tifraħ". B'hekk l-ewwel idea kienet li din l-iskrizzjoni tkun hekk:

***Ab Condito MCMXXIII Tibi Redemptor Gloria, Honor, Potestas Regia Tota Insula Plaudente***

jew

***Sa mit-twaqqif fl-1923, Lilek Feddej, il-Glorja, il-Qima u s-Setgħa ta' Sultan, il-gżira kollha tifraħ.***

B'hekk kollna ferħanin ħriġna mid-dar tas-Sur Debono u nfurmajt lill-Kappillan bl-iskrizzjoni. Il-kappillan għaddieha lill-persuna teknika, s-Sur Etienne Bonavia u dan pproġettha fuq il-komputer. Ġara li s-sentenza ma qagħdietx. Kienet twila wisq. B'hekk reġgħet bdiet diskussjoni twila bejn il-Kappillan, Dun Mario, jiena u s-Sur Debono. Wasalna għall-ħsieb li nqassru xi kliem u nwaqqgħu oħrajn. L-ewwel ħsieb kien li nagħmluha kif ġej:

***Ab Cond Tibi Redemptor Gloria, Honor, Potestas Regia MCMXXIII***

jew

***Sa mit-twaqqif fl-1923, Lilek Feddej, il-Glorja, il-Qima u s-Setgħa ta' Sultan.***

B'hekk l-iskrizzjoni ddaħlet fil-faċċata tal-knisja. Iżda kemm is-Sur Joseph Anthony Debono u anki jiena ma qbilniex għaliex ridna li l-kliem Latin jibqa' sħiħ. B'hekk kellna nerġgħu nibdew mill-bidu. Dun Mario reġa' beda jikkomponi kitbiet li setgħu jintużaw għal fuq il-portiku. Kien f'dan il-mument, li għidtilhom għax ma nużawx il-kelma Latina "cor", jiġifieri "qalb" flok il-kelma Condito. Joseph Anthony Debono qabel imma ssuġġerixxa li allura nibdlu "Ab" u minflok nużaw "E". Dun Mario kien feraħ ħafna b'din id-deċiżjoni, għaliex il-parroċċa ta' Raħal Ġdid kienet oriġinarjament iddedikata lill-Qalb ta' Ġesù Sultan. Infatti, kien bi ħsiebu, li għal din is-sena, jikteb fuq dan il-kunċett teoloġiku fil-ktieb tal-Għaqda Kristu Sultan. Skont Dun Mario, dan il-ħsieb kien prodott tal-ħsieb teoloġiku tal-iskola Ġiżwetika. Iżda d-destin ried mod ieħor. B'hekk il-kliem "E Corde" u d-data "MCMXXIII" kienu ser jitqegħdu taħt il-friż ta' kull kampnar waqt li l-iskrizzjoni mill-innu tmur fin-nofs tal-portiku.



***E Corde Tibi Redemptor Gloria, Honor, Potestas Regia MCMXXIII***

jew

***Sa mill-1923, minn qalbna, Lilek Feddej, il-Glorja, il-Qima u s-Setgħa ta' Sultan.***

B'hekk meta qbilna fuq l-iskrizzjoni, nħaddmu l-ittri fuq il-kartun bid-daqs eżatt. Wara nħaddmu wkoll b'mod diġitali. Qbilna ma' Palumbo li jaħdmu tlitt ittri biss ħalli naraw bi prova kif dawn ser jidhru fuq il-faċċata tal-knisja. Biex jekk jidhru ħżiena, nkunu nistgħu nibdluhom. Meta dawn l-ewwel tlitt ittri kienu lesti, mar għalihom il-kappillan flimkien mas-sagristan u wara tqegħdu fuq il-portiku. Dehru tajjeb ħafna minn isfel. B'hekk infurmajna lil Palumbo biex ikompli għaddej bix-xogħol, waqt li saru l-arranġamenti tekniċi ta' kif dawn kellhom jitwaħħlu mal-portiku.

Iddeċidejna wkoll li l-kitbiet ta' Dun Mario bħala tħejjija għal din l-iskrizzjoni ta' fuq il-portiku jinġabru biex bihom issir l-iskrizzjoni kommemorattiva tal-konsagrazzjoni ta' dan it-tempju. Kemm jien u Joseph Anthony Debono ħdimna fuqha issa la Dun Mario kien ħalliena. Biss għar-raġunijiet li nifhem sewwa, wara kien ġie deċiż li tintuża iskrizzjoni bil-Malti fuq l-irħama li tfakkar dan l-avveniment li ma kienitx dik kif proposta minn Dun Mario. Din l-iskrizzjoni li ġiet komposta bil-Latin qed tkun ippubblikata ma' dan l-artiklu ħalli tibqa' tifkira tal-ħila ta' Dun Mario Agius fit-tħaddim ta' dan l-ilsien Latin. Ma naħsbux li hawn iskrizzjoni Latina li tfakkar konsagrazzjoni ta' knisja isbaħ minnha.

DOM
Anno R. S. MCMLXVII
cum aede hac
Summo Regi,
gentibus in Eucharistia laententibus,
dedicata,
Populus Paulensis
arbitrio mentis et cordis
se in aevo vovisset,
quinquaginta annis abhinc,
maximi consacrationis templi
memores sumus
tota insula plaudente

Lil Alla l-ikbar u l-aqwa
fis-sena tas-salvazzjoni 1967
Meta dan il-maqdes
Iddedikat lill-aqwa Sultan
Li ġnus igawduh fl-ewkaristija,
Il-Poplu ta' Raħal Ġdid
B'qalbu u b'moħħu
Iġedded dak li wegħdu missirijietu
Ħamsin sena wara
Ifakkar
il-bini ta' l-ikbar tempju
biex il-gżira kollha tifraħ

Nagħlaq dan l-artiklu billi nirringrazzja lis-Sur Antonio Palumbo u lill-Managing Director tal-Palumbo Shipyards f'Malta, lis-Sur Joseph Calleja u lill-ħaddiema kollha li ħadmu fuq din l-iskrizzjoni għal fuq il-faċċata tal-knisja ta' Raħal Ġdid. F'isem il-kappillan, Dun Marc Andrè u l-parruċċani kollha ta' Raħal Ġdid, ngħidilhom grazzi mill-qalb.

**Din il-paġna hi sponsorjata b'tifkira għażiża ta'**
**JOSEPH u CONNIE AGIUS u binthom**
**MARY CASSAR u żewġha CHARLIE**
***Mulej agħtihom il-Mistrieħ ta' dejjem***

